**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Marzu, 2018

Rikors Guramentat numru : 122/12 AL

**A B f'isimha propju u ghan-nom tat-tifla minuri taghhom R B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

> 1.Peress illi l-partijiet izzewgu nhar il-25 ta' Ottubru 1997, skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn immarkat bhala **dokument LA 1 ;**
>
> 2. U peress illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti, twieldet tifla wahda li jisimha R nhar il-11 ta' Jannar 2003, u dank

if jirrizulta minn kopja tac-certifikat tat-twelid li kopja tieghu qieghed jigi hawn esebit bhala **dok. LA 2**;

3. U peress illi l-imsemmi C B rrenda ruhu hati kontra l-attrici, minhabba adulterju, swat, vjolenza, eccessi, minacci u ingurji gravi, b'mod li rrenda impossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

4. U peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-seperazzjoni personali, permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (sezzjoni familja), fl-atti tal-medjazzjoni 54/2012, li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala **dokument LA 3**;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba swat, vjolenza, servizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi C B kkommetta fil-konfront ta' martu l-attrici;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri R B f'idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha kif ukoll ghall-imsemmija tifla minuri dik ir-retta alimentarja lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa kemm ghall-attrici kif ukoll ghall-minuri, u dan skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha, liema retta alimentarja tkun pagabbli fil-jum u hin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa, u that dawk il-provvedimenti kollha necessarji u opportuni li taghti l-istess Qorti;

4. Ixxolji l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, occorrendo billi jigi nominat perit jekk ikun hemm bzonn, u nutar biex jircievi l-att opportun,

u kuratur, biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna (bil-pussess battal) lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha, inkluz il-fond immobbli 4 Triq id-Duluri San Pawl il-Bahar liema fond gie akkwistat mill-attrici permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-18 ta' Novembru 1988;

6. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni inkluz l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet A B vs C B intavolat quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) nhar is- 27 ta' April 2012.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa : (fol. 16)

1. Fl-ewwel lok, ghalkemm huwa minnu li z-zwieg tkisser irremedjabilment u konsegwentement ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dan sehh partikolarment b'rizultat ta' u minhabba htijiet imputabbli unikament u esklussivament lill-attrici;
2. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda u l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata f'idejn l-eccipjenti stante li dan huwa fl-ahjar interess tal-minuri kif se jkun qieghed jigi ppruvat;
3. Illi filwaqt illi it-tielet talba attrici ghandha tigi michuda, fil-kaz li jigi deciz li l-minuri tibqa tirrisjedi ma l-omm l-eccipjenti jaqbel li huwa ghandu jhallas manteniment ghall-minuri f'dawk l-ammonti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz;
4. Illi fir-rigward tar-raba' u l-hames talbiet attrici, ghalkemm l-eccipjenti jaqbel li ghandha tigi dikjarata xolta u

konsegwentement likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, l-eccipjenti jichad u jirrespingi bil-qawwa t-talba attrici li l-fond 4, Triq Id-Duluri, San Pawl il-Bahar tigi assenjata lill-attrici, u dan stante li din it-talba hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress li dan il-fond ma jifformax parti mill-assi parafernali ta' l-attrici kif skorrettament tistqarr it-talba attrici;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi.

Rat il-verbali, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti minnhom esebiti fis-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet iddatati t-22 ta' Lulju 2016[1] u t-22 ta' Novembru 2016[2] rispettivament, kif ukoll in-noti ta' replika ddatati it-28 ta' Ġunju 2017[3] u s-26 ta' Lulju 2017[4] rispettivament;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B b'dan illi r-rikorrenti taġixxi f'isimha

[1] Fol. 1032
[2] Fol. 1047
[3] Fol. 1078
[4] Fol. 1086

proprju u f'isem bintha minuri R. Il-partijiet iżżewġu fil-Knisju tal-Karmnu, f'San Pawl il-Baħar fil-25 t'Ottubru 1997[5].

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur tal-attriċi kif ukoll għan-nota ġuramentata tagħha[6] li permezz tagħha telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

- Tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet ta' swat, vjolenza, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi imputabbli unikament lilu;
- Għal dak li jirrigwarda l-minuri R, tikkontendi li hija għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tagħha;
- Rigward il-manteniment, titlob retta alimentarja kemm għaliha kif ukoll għal bintha minuri;
- Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-likwidazzjoni u l-qasma tagħha;
- Titlob l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut;
- Titlob li l-konvenut ikun ordnat jirritornalha l-assi parafernali kollha tagħha, inkluż il-fond immobbli 4, Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar (bil-pussess battal);

## 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

L-attriċi tattribwixxi lil żewġha t-tortijiet tas-swat, il-vjolenza, is-sevizzi, l-eċċessi, l-minaċċi u l-inġurji gravi bħala r-raġuni għall-isfaxxar taż-żwieġ tal-partijiet. Tgħid illi l-konvenut huwa bniedem illi ma jgħidx kollox lil martu, jigdeb u jaħbi minnha ħafna affarijiet importanti. Huwa vjolenti fil-konfront tagħha għax il-ħin kollu jikkmandaha mingħajr raġuni ta' xejn. Inoltre huwa kien jitlaq mid-dar f'xi l-għaxra ta' fil-għodu (10.00am) u

[5] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv esebit fol. 4
[6] Iddatata is-26 ta' Lulju 2012, fol. 18

jirritorna ta' kuljum fit-tlieta ta' filgħodu (3.00am), aġir inaċċettabbli li juri li ma jimpurtah xejn minn martu u familtu.

Il-konvenut, filwaqt illi jaqbel illi ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi sfaxxa, jsostni li dana seħħ minħabba ħtijiet impuabbli unikament lill-attriċi.

Dwar din l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok, tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

IL-VERŻJONI TAL-ATTRIĊI

Permezz tal-affidavit tagħha[7], ir-**rikorrenti** tirrakkonta kif hija kienet temmen illi ż-żwieġ tagħha kien għaqda permanenti u qatt ma basret li kienet ser tkun kostretta titlaq lil żewġha u d-dar taż-żwieġ minħabba l-kliem u l-azzjonijiet tal-istess konvenut. Qabel ma telqet, il-ħajja kienet saret insapportabbli minħabba l-abbuż fiżiku, emozzjonali u verbali fil-konfront tagħha.

Fl-aħħar snin tal-konvivenza matrimonjali tal-partijiet, il-konvenut sar vjolenti fil-konfront tal-attriċi u ta' binthom minuri. Kien jimbuttaha biex b'hekk kienet miksija tbenġil, kissrilha żewġ nuċċalijiet u anke s-siġġu li kienet bilqiegħda fuqu. Ħafna drabi kellha tidħol bejnu u bejn R biex tipproteġiha mill-vjolenza tiegħu.

Il-konvenut beda jqatta' dejjem iżjed ħin il-bogħod mid-dar u għalkemm kien jaħdem bħala Science lab technician, u jispiċċa

[7] Fol. 68 et seq.

xogħol fis-2.30pm, kien jirritorna lura d-dar biss fit-3.00am. Kien jippretendi li hija kellha tnaddaf, issajjar u tieħu ħsieb lill-minuri.

Inoltre anke finanzjarjament, il-kontribuzzjoni tiegħu kienet minima għaliex hija kienet tħallas il-kera u l-edukazzjoni tal-minuri u l-attivitajiet extra-kurrikulari tagħha.

Is-sitwazzjoni marret għall-agħar meta l-attriċi, bil-kunsens tal-konvent, ibbukkjat btala għaliha u għal bintha fl-Ingilterra biex iżżur il-qraba tagħha. Fil-jum li kellhom jitilqu, ġiet notifikata b'mandat t'impediment tal-partenza fuq il-minuri. B'hekk l-attriċi tilfet il-flus kollha tal-btala u tilfet ukoll il-fiduċja fil-konvenut billi dana kien wiegħdha li mhux ser iżommha milli ssiefer.

Fl-1 ta' Jannar 2012, l-attriċi ma rritornatx fid-dar matrimonjali għax beżgħat għas-sigurta' tagħha u ta' bintha kemm fiżika u wkoll mentali. *"The emotional abuse I was suffering was unendurable".*

Dwar dan l-abbuż, tixhed omm l-attriċi **Joyce Edwins**, illi fl-affidavit tagħha[8] tirrakkonta diversi episodji fejn il-konvenut irrabja b'mod eċċessiv mal-attriċi jew ma' bint il-partijiet fil-pubbliku. Tirrakkonta wkoll illi meta l-attriċi sofriet it-tieni tqala ektopika tagħha, il-konvenut għamilha ċara li hija ma kinitx mixtieqa f'daru, u dan meta l-attriċi kienet tibki biex tara lil ommha u ssaqsi għalfejn ma marritx taraha. Tixhed illi A dejjem kienet taħt stress biex tagħmel l-affarijiet kif jixtieq hu: *"His behaviour towards her and myself was intimidating, and he frequently belittled her and myself. Anything A said or did was wrong or stupid, his frequent respense to her questions was 'bouquet fjuri' inti tafx xejn, according to him she did not fold the clothes correctly, she did not dress R correctly, she cooked too much pasta, no-body was allowed to do or touch anything in the house, it all had to be exactly as he wanted. Even when A made sandwiches, she had to put the meat, cheese and tomato in the correct order on the bread, and in the correct place... he constantly created an environment of stress around him, we*

[8] Fol. 525

*never knew the mood he would be in, and had to walk on eggshells around him."*

Rat illi l-attriċi fit-3 t'Awwissu 2014 irrapportat ġewwa l-għassa tal-Qawra illi l-jum ta' qabel, meta kienet fil-fond 4, Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar, hija kellha argument ma' żewġha fejn dan imbuttaha bil-konsegwenza li waqgħet fuq minkbejha u sofriet ġrieħi ħfief kif iċċertifikat minn Dr. A. Cachia taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta.

Dwar Andrew Hubner, l-attriċi xehdet[9] illi hija ma kinitx tafu qabel Awwissu 2012. Hija ma tirrisjedix ma' Hubner u m'għandhiex rapporti sesswali miegħu għalkemm jitbewsu u jżommu idejn xulxin.

## IL-VERŻJONI TAL-KONVENUT

Permezz tal-affidavit tiegħu[10], il-**konvenut** jirrakkonta dwar l-għerusija tagħhom u dwar il-ħajja matrimonjali. Jispjega illi meta kien ikun barra mid-dar, dan kien biex jagħmel xogħol part-time. Meta mbagħad iddeċidew illi jirranġaw id-dar ta' Triq id-Duluri, x'ħin tirritorna d-dar l-attriċi, huwa kien imur fil-post jagħmel ħin twil hemmhekk jaħdem sakemm imur lura d-dar eżawrit. Il-fatt li l-konvenut kien jaħdem ħafna m'huwiex kontradett mill-attriċi, u fid-djarju tagħha kienet tikteb dwar dan u tilmenta li minħabba x-xogħolijiet, kienet tagħmel daqstant ħin twil weħidha bit-tifla.

Jirrakkonta wkoll id-diffikulta li kellhom sabiex jikkonċepixxu tarbija u kif l-attriċi għaddiet minn żewġ tqaliet ektopiċi, bit-tieni waħda li kienet ferm ikkumplikata u li beża' li seta' jitlef lil martu. Fl-2005 u 2006, il-problemi bejniethom bdew jikbru sew għaliex l-attriċi kienet kemmxejn disturbata mentalment u riedet

---

[9] Kontro-eżami tal-attriċi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2015, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 933

[10] Fol. 373

tagħmel suwiċidju, u wkoll għax beda jdejjaqha kollox u saret aggressiva miegħu u mat-tifla. Hija kienet tippretendi li jgħinha f'kollox imqar jekk tmur sas-supermarket, iżda l-ħin tiegħu kien limitat billi ried jaħdem fil-post ukoll. Darba minnhom ċemplet lil ommu fejn qaltilha biex tmur tiġbru u tieħdu lura trabbieh hi.

Minħabba fl-aġir stramb tagħha, il-partijiet kienu fittxew l-għajnuna ta' psikjatra, ċertu Dr. Giorgio li kien ippreskriva xi pilloli lil A u kien qal lill-konvenut biex jieħu paċenzja biha, jgħannaqha u jfissidha. Il-konvenut jinsisti li martu kienet tkun tridu iktar id-dar biex isajjar u jieħu ħsieb l-affarijiet tad-dar, sabiex hi jkollha iktar ħin toħroġ u tiltaqa' ma sħabha. Riedet li jieħdu iktar vaganzi u  li jieħdu self sabiex isiefru. Sikwit l-attriċi kienet tgħaddi minn fit fejn kienet taqbad furketta u tagħfasha fuq il-polz tagħha kull meta jkollha d-dwejjaq jew isseħħ xi ħaġa li ma tkunx tixtieq hi. Dawna kienu jseħħu massimu ta' sitt darbiet fix-xahar u minimu darba fix-xahar. Hu kienu jieħu l-furketta minn idha u bil-paċenzja jsaqsiha għalfejn kienet iġġib ruħha hekk. Fl-2010 / 2011 huwa nnota li hija kienet waqfet tieħu l-pilloli tad-dipressjoni.

Il-konvenut jilmenta wkoll illi omm l-attriċi kienet tindaħal ħafna u kienet tinfluwenzaha ħażin, fis-sens li jekk ommha tgħidilhom li r-residenza tagħhom kienet qisha garaxx, A kienet tkun trid titlaq minn hemm.

Jirrakkonta kif darba waħda fil-5 t'Ottubru 2009, l-attriċi ċemplitlu biex tgħidlu li kienet ser tibbukja biex tmur l-Ingilterra għall-Milied mat-tifla. Qaltlu wkoll li ma kinitx se ssajjar għax kienet muġugħa. Għalhekk huwa u sejjer lura lejn id-dar, għadda jixtri xi ħut sabiex isajjar. A insistiet li tkun taf fi x'ħin ser ikun lest l-ikel u hu weġibha f'20 minuta. Iżda l-attriċi telqet mid-dar bit-tifla u dakinhar ma daħlitx lura d-dar u raqdet għand il-kuġina tagħha. L-għada kif daħal id-dar sab lil martu d-dar u hebbet għalih b'sikkina li ppuntata m'għonqu u  bdiet tgħidlu

*“Get out! Get out! I don’t want to see you.”* Hu qalilha biex tikkalma u tpoġġi s-sikkina f’postha u li hu ma kienx ser jiċċaqlaq minn hemm. R bdiet tibki u A poġġiet is-sikkina fuq il-mejda, ħadet lit-tifla u telqet.

Jispjega illi lejn l-aħħar tas-sena 2011, A bdiet iġġorr l-affarijiet tagħha ad insaputa tiegħu, għalkemm huwa xorta waħda nduna. Bdiet tkompli tnaqqas mix-xogħol tagħha fid-dar u ma riditx taħsillu iktar ħwejjeġ.

Xehdet ukoll **Josephine B**, omm il-konvenut[11], fejn qalet li fil-bidu A u l-qraba tagħha, lil C kienu jfaħħruh ħafna għaliex kien isajrilhom tajjeb. Kienu jgħidu kemm jinqala’ u li A kienet fortunata li kellha lilu. Spjegat illi huwa kellu ħafna paċenzja għal martu. Meta twieldet it-tifla, bin ix-xhud kien baqa’ d-dar biex jieħu ħsieb lit-tarbija u kien jagħmel kull ma kien ikollha bżonn bħal jisqiha, jaħsilha, jbiddillha, imur jixtri bit-tifla, jaħsel u jsajjar. Imbagħad meta kienet tiġi A, kien imur fid-dar ta’ Triq id-Duluri biex jaħdem. Fil-għaxija, kien ikollu jsajjar x’ħin imur id-dar għax martu kienet tgħidlu li kien imiss lilu jsajjar. Kienet ta’ spiss tgħajjat miegħu u qatt ma tapprezza x-xogħol li jagħmel hu. Tikkonferma illi darba l-attriċi ċemplitilha u qaltilha li C kellu jiltaq mid-dar tagħhom u jmur għand ix-xhud jew fejn irid. Dan kollu huwa kkorraborat ukoll mix-xiehda[12] ta’ missier il-konvenut **Joseph B**.

Xehed ukoll **Hermann Baldacchino**, li huwa kollega tax-xogħol tal-konvenut. Xehed illi l-problema ta’ C kienet dejjem kif ser jikkuntenta lill-mara. Meta huwa kellu dgħajsa xtaq ikabbarha biex jakkomoda lill-mara u x-xhud tah il-parir li jixtri waħda ikbar mhux ikabbar id-dgħajsa li kellu. C kien jinkwieta għaliex martu kienet titraskura lit-tifla u tħalliha nieqsa mill-ikel u mill-iġene. Għal C, it-tifla hija kollox u t-traskuraġni min-naħa ta’ martu

[11] Affidavit fol. 902
[12] Affidavit fol. 904

kienet tkiddu. Kien anke xtara annimali domestiċi lit-tifla biex jaraha kuntenta. Ix-xhud seta' josserva li t-tifla meta tkun m'C kienet tkun kuntenta u rilassata, filwaqt illi meta tkun m'ommha kienet tkun nervuża ħafna.

PRINĊIPJI LEGALI

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[13] ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Il-moħqrija, kif imsemmija fl-Artikolu 40 ġja ċċitat, bħala bażi għas-separazzjoni personali, ġiet ritenuta minn ġurisprudenza kostanti bħala "sevizzi".[14] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[15], deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġja ċċitata fl-ismijiet Ctte Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".*

Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-*

---

[13] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[14] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[15] Vol. XLV C.ii.708

*duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

Mill-assjem tal-provi jirriżulta illi fil-każ odjern, iż-żewġ partijiet kellhom nuqqasijiet u konsegwentement tortijiet fit-tkissir taż-żwieġ.

L-attriċi jidher li kienet teħtieġ kura mentali professjonali fil-perjodu meta hija kienet qed tipprova tinqabad tqila, għaddiet minn żewġ tqaliet ektopiċi u anke wara t-twelid tat-tarbija. Minħabba li ma pprevalixxietx ruħha minn tali għajnuna, hija waqgħet f'dipressjoni bil-konsegwenza li saret irritabbli u kien idejjaqha kollox. Anke meta kienet ġiet preskritta l-mediċina, waqfet teħodha kontra l-parir professjonali.

L-attriċi jidher li ma tantx kellha interess li żżomm id-dar ordnata u li ssajjar ikel differenti u iktar kreattiv, minkejja l-ilmenti kontinwi ta' żewġha u tat-tifla. Minkejja li ma kellha ebda diffikolta' li twassal lit-tifla għal diversi attivitajiet wara l-ħin tal-iskola, ma tantx kienet tħobb issajjar u tieħu ħsieb il-bżonnijiet materjali ta' bintha bħalma huma l-appuntamenti mediċi u n-nutrizzjoni tagħha. Illi lanqas ma kellha interess li tgħin fix-xogħolijiet estensivi li kienu meħtieġa fid-dar ta' Triq id-Duluri u tgħin lill-konvenut hemmhekk. Illi dana wassal biex il-konvenut kien iħossu wisq mgħobbi u għalhekk kibret l-animożita bejn il-koppja.

Ma jistax ma jiġix innutat ukoll illi l-attriċi kienet tgħir għal bintha u għall-attenzjoni li l-minuri kienet tieħu mingħand il-konvenut u kienet taġixxi b'mod kemm xejn infantili, sabiex tikseb hija wkoll l-attenzjoni tal-konvenut.

Inoltre, huwa ampjament ċar li l-partijiet kienu inkompatibbli fl-iskopijiet tagħhom miż-żwieg u mentri l-attriċi riedet tgawdi u ssiefer u tgħix għall-mument, il-konvenut kien iktar għaqli u

ħawtiel bil-konsegwenza li kien iqatta' ħin iżżejjed barra mid-dar fuq xogħol.

Bla dubju l-konvenut kellu ċerti fissazzjonijiet mhux normali, sal-grad li possibilment anke huwa kellu diżordni li kienet teħtieġ il-kura professjonali. Fid-dar kollox kif u fejn irid hu, imqar sandwich. Kien jaħseb li hu jifhem f'kollox filwaqt illi l-attriċi ma tifhem f'xejn, osservazzjoni li għamlet ukoll l-Avukat tat-Tfal. L-aġir tiegħu kien tali li ħoloq tensjoni kontinwa fl-attriċi u l-frustrazzjoni tagħha kienet kbira. Għalhekk hi kultant żmien kienet tiżbroffa, u għal xi ħaġa minima tirreaġixxi b'mod eċċessiv.

Bla dubju, l-ikbar ħtija tal-konvenut hija l-mod kif irnexxielu jimmanipula totalment moħħ bintu minuri biex dina taħseb biss negattiv fuq ommha, u dana kif ser jiġi elaborat iktar 'il quddiem.

Il-karattru pikuż tiegħu ġie żvelat ukoll matul dawn il-proċeduri, fejn minkejja li l-attriċi kisbet sentenza mill-Qorti tal-Appell li tiddikjara spoll minnu kommess fir-rigward tal-propjeta' parafernali tal-attriċi, jibqa' jċaħħadha mil-jedd tagħha li tidħol fil-propjeta' tagħha, b'disprezz lejn l-ordni tal-Qorti, tant li l-attriċi (wara s-sentenza tal-Appell) darbtejn ġiet kostretta titlob ordni u gwida minn din il-Qorti. Filwaqt illi naturalment dan l-aġir ma setax kien it-tort tat-tkissir taż-żwieġ għax seħħ wara s-separazzjoni *de facto* tal-partijiet, huwa riflessjoni tal-pressjoni li kapaċi jwettaq il-konvenut u tal-karattru diffiċli li l-attriċi kellha tħabbat wiċċha miegħu fiż-żwieġ.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha miġjuba, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u li f'dan l-istadju m'hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni bejniethom. Konsegwentement, hija fehma tal-Qorti illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bit-tortijiet

ta' sevizzi, eċċessi u nġurji gravi imputabbli liż-żewġ partijiet fil-konfront ta' xulxin.

2. **<u>Dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut</u>**

L-attriċi titlob li dina l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B sfaxxa għal ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet.

It-tortijiet tagħhom huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax jew le d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48. Fil-każ odjern, jirriżulta li t-tortijiet huma abbastanza gravi sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 illi jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[16];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar***

[16] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha appena ċċitati. Inoltre ser tuża d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 52, sabiex tapplika l-istess effetti ukoll fil-konfront tal-attriċi.

In vista tal-premess, il-Qorti qiegħda tapplika l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48, in toto, fil-konfront taż-żewġ partijiet.

## 3. Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri R

Bint il-partijiet, R, twieldet fil-11 ta' Jannar 2003[17] u għaldaqstant preżentement għandha ħmistax (15)-il sena.

L-attriċi titlob illi hija tiġi fdata bil-kura u l-kustodja ta' bintha, iżda l-konvenut ma jaqbilx u jeċċepixxi illi l-kura u l-kustodja tal-minuri R għandha tiġi fdata f'idejh u dana fl-aħjar interess ta' bintu; Il-konvenut isostni li r-relazzjoni tiegħu ma' bintu dejjem kienet waħda tajba u li hu dejjem kien preżenti għaliha. Minn ċkunitha, it-tifla kienet tfittex lilu biex idur biha u jieħu ħsiebha u anke biex iraqqadha[18]. Dejjem kien hu li ħa ħsieb l-appuntamenti mediċi tat-tifla u hi tkun trid lilu biss jidħol magħha. Jilmenta li l-attriċi ma ssajrilhiex ikel nutrittiv u xi drabi tagħtieha leftovers li jkunu qrasu bħala lunch jew ma tagħtiha xejn.

Jirriżulta illi fl-ewwel xhur tal-ħajja tat-tifla, il-konvenut kien ħa *parental leave* mingħajr ħlas bejn it-22 ta' Settembru 2003 sat-

[17] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid relattiv esebit fol. 5
[18] Affidavit tl-konvenut fol. 794 para. 34

22 ta' Settembru 2004, u wkoll mit-22 ta' Settembru 2005 sal-10 ta' Jannar 2008[19]. Il-partijiet kienu ddeċidew illi kien aktar vantaġġjuż għalihom finanzjarjament illi r-raġel joħroġ bil-parental leave u jieħu ħsieb il-minuri, filwaqt illi l-mara taħdem u tieħu ħsieb il-ħtiġijiet materjali tal-familja, u dana billi l-attriċi kellha paga aħjar mill-konvenut. Il-konvenut jgħid illi d-deċiżjoni ttieħdet għaliex l-attriċi ma kinitx kuntenta d-dar tieħu ħsieb tat-tarbija.

Il-konvenut jixhed illi minn mindu l-partijet infirdu fl-1 ta' Jannar 2012, R kitbitlu ħafna ittri biex titolbu tmur tgħix miegħu. Jgħid illi l-attriċi titraskura lit-tifla fil-homework u fl-iġene.

L-attriċi xehdet fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2015[20], *"Illi preżentement għandi relazzjoni tajba mat-tifla R. Lili qatt ma titlobni biex tqatta' iktar ħin ma' missierha."* Żiedet illi t-tifla taf lill-ħabib tagħha Andy, iżda meta l-attriċi tkun miegħu, it-tifla tkun ma' missierha.

Illi s-sitwazzjoni *pendente lite* inizjalment ġiet regolata mid-**digriet tal-10 ta' Settembru 2012**, li ingħata wara li l-Qorti kkunsidrat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dottor Tanya Sammut Catania, nominata għal dan l-iskop. L-istess digriet ordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri R tkun fdata f'idejn il-partijiet flimkien b'dan illi hija għandha tirrisjedi mal-omm. Il-missier ikollu aċċess kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa mit-3.00pm sas-6.00pm, kif ukoll b'mod alternat mis-Sibt fil-5.00pm sal-għada l-Ħadd fil-5.00pm, u fil-ġimgħa ta' wara il-Ħadd mill-10.00am sal-5.00pm.

Il-Qorti reġgħet appuntat Avukat tat-Tfal sabiex jisma' lill-partijiet u lill-minuri R u dana wara talba tal-konvenut[21] sabiex il-minuri tmur tirrisjedi miegħu. Dr. Mary Muscat fir-rapport tagħha[22] osservat illi l-minuri kienet qed issirilha l-ħsara

---

[19] Kif jirriżulta mix-xiehda ta' **John Cachia Fearne** rappreżentant tad-**Dipartiment tal-Edukazzjoni**, mogħtija fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2013, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 494

[20] Miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 876

[21] Rikors tat-13 ta' Frar 2013, fol. 506

[22] Fol. 513

psikoloġika billi l-missier kien pussessiv u manipulattiv u li għalhekk seta' kien qiegħed jagħmel pressjoni żejda fuq il-minuri anke billi jpoġġi ċerti affarijiet għall-vantaġġ tiegħu.

In segwitu, kien hemm diversi talbiet oħra relattivi għar-residenza u għall-aċċess tal-minuri.

i) Rikors tal-attriċi tas-6 ta' Frar 2013, fejn hija talbet il-ħatra ta' child psychologist biex tkellem lil minuri R u lill-partijiet sabiex tagħmel dawk is-suġġerimenti li hija tħoss huma idoneji; ukoll biex jinqatgħu it-telefonati ta' kuljum ta' C B fost il-ġimgħa. B'digriet tas-**27 ta' Frar 2013**, il-Qorti laqgħet it-talba għan-nomina ta' psikologu u ħatret lil Melissa B għal dan l-iskop u li kellha tirrelata wkoll dwar it-tieni talba;

ii) Rikors ta' C B tal-10 ta' Ġunju 2013, fejn huwa talab illi tkun sostitwita Melissa B, bi psikologu ieħor u dan in vista li Melissa B kienet wisq impenjata u s-sitwazzjoni tal-minuri R kienet waħda prekarja. In vista li fil-frattemp Melissa B bdiet tespleta l-inkarigu tagħha, il-Qorti b'digriet tat-**28 t'Awwissu 2013**, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors;

iii) Rikors tal-attriċi tal-10 t'April 2014, fejn hija talbet illi in vista tal-ħmieġ u n-nuqqas ta' sigurta' fil-fond ta' Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar, l-aċċess tal-konvenut versu bintu jiġi sospiż, sakemm il-konvenut inaddaf a spejjeż tiegħu l-imsemmi fond. Digriet tal-Qorti tat-**22 t'April 2014**[23], fejn il-Qorti ordnat illi l-minuri ma torqodx fl-imsemmi fond.

iv) Rikors tal-attriċi tas-17 ta' Settembru 2014, illi fiha informat il-Qorti illi in vista tal-pika li l-konvenut għandu

[23] Fol. 709

magħha, huwa ħa lill-minuri sabiex tagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija fejn allegat abbuż psikoloġiku reż fuqha minn ommha; Illi l-attriċi ġiet interrogata mid-Domestic Violence Unit tal-Pulizija; Hija talbet illi tinħatar Avukat tat-tfal sabiex tħares l-interessi tat-tifla u li l-aċċess ikun almenu temporanjament sorveljat mill-Aġenzija Appogg. B'digriet tat-**8 t'Ottubru 2014**, il-Qorti reġgħet ħatret lil-Avukat tat-Tfal Dr. Tanya Sammut Catania sabiex tirrelata dwar it-talbiet tal-attriċi.

v) Rapport tal-Avukat tat-Tfal tad-**29 t'Ottubru 2014**, fejn irriżulta li l-minuri kkonfermat illi hija għamlet rapport fl-għassa tal-Pulizija u spjegat illi hija m'għandhiex relazzjoni tajba m'ommha, imdejqa bl-atteġġjament ta' ommha fil-konfront tagħha u insistiet li hija tixtieq tibqa' tirrisjedi ma' missierha. Il-minuri stqarret illi meta tkun fil-kumpanija ta' missierha, tħossha kuntenta ħafna għaliex missierha jagħtiha ħafna importanza u jqatta' ħafna *quality time* magħha għall-kuntrarju ta' ommha. It-tifla kkonfermat illi r-residenza li fiha jgħix missierha m'hijiex fi stat tajjeb imma dana lilha ma jaffetwahiex għaliex missierha kien dispost ifittex akkomodazzjoni alternattiva ġjaladarba hija tmur tirrisjedi miegħu b'mod permanenti; Illi għalhekk l-Avukat tat-Tfal uriet il-fehma illi t-talbiet tal-attriċi jiġu miċħuda u l-modalita' tal-aċċess eżerċitat mill-missier jibqa' l-istess f'dan l-istadju, b'dana illi tiġi nominata psikologa tat-tfal sabiex wara li tkellem lit-tifla kif ukoll lill-partijiet tgħaddi sabiex tagħti r-rakkomandazzjonijiet tagħha;

vi) B'digriet tal-Qorti tat-**30 t'Ottubru 2014**, il-Qorti ordnat illi l-aċċess jibqa' kif inhu mingħajr superviżjoni, u rriżervat li tipprovdi ulterjorment meta u jekk l-intimat

isib akkomodazzjoni alternattiva li tkun xierqa sabiex tabita fiha l-minuri;

vii) Rikors tal-konvenut tat-13 ta' Novembru 2014, fejn huwa nforma lil-Qorti li kien kera appartament xieraq għall-minuri u għalhekk talab lill-Qorti sabiex tipprovdi ulterjorment għall-aċċess u r-residenza tal-minuri R. Il-Qorti, b'digriet tas-**26 ta' Novembru 2014**[24], astjeniet li tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-konvenut in vista li lanqas kien għadda xahar mill-aħħar digriet tagħha.

viii) Rikors tal-attriċi tal-25 ta' Novembru 2014[25], fejn hija talbet illi in vista tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr. Tanya Sammut Catania, il-Qorti taħtar psikologu sabiex tisma lit-tifla R u lill-partijiet. Il-Qorti, b'digriet tal-**14 ta' Jannar 2015**[26], laqgħet it-talba u ħatret lil Carmen Sammut għal dan l-iskop.

Dwar ir-rapport li sar mill-minuri fil-konfront t'ommha, dana sar fl-24 t'Awwissu 2014[27] u jgħid: *"R together with her father Anthony B reported today at Mosta police station that for the past two years she has been going through domestic violence from her mum. She stated that since her parents separated her mother has been constantly shouting at her, calling her names and starting arguments with her over stupid things. R stated that about 4 years ago when her parents were living together, there was an instant where her parents were having an argument and her mother went to the kitchen where she picked a big knife and put it against her father's neck. R continued that her mother does not feed her proper food and all she eats at home with her mother is noodles, pasta or toast, that there is rarely any milk in the house and that she lets things run out*

[24] Fol. 743
[25] Fol. 747
[26] Fol. 756
[27] Esebit fol. 751

*before she buys. She states that if they go to the cinema and have popcorn she tells her that she is not having any dinner because she had popcorn or if she goes to a party or eats lunch at her father's house when she visits she does not give her dinner as well because she says that she already ate...Last Monday R had an argument woth her mother because her mother told her that she wants to have a baby sitter so that she will be able to spend more time with her boyfriend and R told her mother that it would be nice that instead of having a baby sitter she could spend more time with her father and have sleep overs at her dad's. Her mother went really mad and she grabbed a big bread knife and she started banging in the table with this knife where she left 2 marks, she then grabbed a plastic bottle which she squashed and threw it across the room. R got scared and she grabbed her lunch consisting of a toasted sandwich, took her maltese homework and her cat and locked herself in the bathroom for approx. 3 hrs until it was time for her father to pick her up. This is not the first time that R got scared of her mother and locked herself up for several hours in the bathroom. She also stated that she is scared of her mother and she prefers to go and live with her father. R stated thtat when her mother is in rage she starts breaking her things like a mobile phone which she used to call her father with, and there was a time before she broke her mobile that her mother grabbed this phone and threw it at her and hit her head. She also stated that her mother bribes her..."*

Dan ir-rapport u rapporti oħra ġew segwiti permezz ta' kawżi kriminali fil-konfront tal-attriċi. Permezz ta' nota ppreżentata mill-attriċi fit-28 ta' Novembru 2017[28], hija esebiet tliet sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, lkoll datati is-27 ta' Novembru 2017, illi minnhom jirriżulta illi l-attriċi hemmhekk imputata ġiet illiberata mill-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha senjatament li hija tat fastidju jew ikkaġunat biza' fuq bintha minuri R B.

---

[28] Fol. 1090.

Il-Qorti rat ir-**rapport tal-Perita Psikologa s-Sinjura Carmen Sammut** ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2015[29]. Il-psikologa tkellmet kemm mal-ġenituri u wkoll mal-minuri. Hija għamlet żewġ testijiet psikoloġiċi fuq it-tifla li minnhom irriżulta li għandha t-tendenza li ma tħobbx toqgħod mar-regoli, konflitt bejn il-ħolm u r-realta', instabilita' emozzjonali, dwejjaq u biża. Il-psikologa kkonkludiet illi hemm ***enmeshment*** emozzjonali bejn it-tifla u missierha li jista' jagħmel lit-tifla tħoss l-emozzjonijiet tal-missier bħala tagħha. It-tifla qiegħda tesperjenza bħal ħolma kerha li ma tistax tispiċċa. Żgur li hemm bond qawwija bejn il-missier u t-tifla. Dak li qiegħda tgħid it-tifla li hija m'għandhiex relazzjoni tajba m'ommha, issa hija l-pożizzjoni tagħha (anke jekk kienu l-ġenituri li wassluha għal din il-pożizzjoni.) **Li wieħed jisforzaha u jġiegħlha tgħix taħt kundizzjonijiet li hi kontra tagħhom, tagħmel iktar ħsara milli ġid.** Hija tħoss illi mingħajr għajnuna professjonali ir-relazzjoni bejn l-omm u t-tifla m'hijiex ser titjieb u għalhekk issuġġeriet terapija tal-familja b'urġenza. Issuġġeriet arranġamenti temporanji bħal sleepovers mal-missier. Wara li tingħata gwida mit-terapista tal-familja, wieħed jirrievalwa s-sitwazzjoni biex jittieħdu deċiżjonijiet permanenti. In segwitu għall-imsemmi rapport, il-Qorti tat digriet[30] illi ordnat lill-partijiet sabiex minnufih jibdew jattendu għal sessjonijiet ta' family therapy. Fil-frattemp, l-aċċess kellu jibqa' kif kien u l-Qorti tirrevedi s-sitwazzjoni fi żmien sitt xhur.

Jirriżulta illi fil-frattemp il-partijiet laħqu ftehim dwar ir-residenza tat-tifla u dan peress illi l-attriċi xehdet[31] illi l-konvenut biddel l-iskola tal-minuri mingħajr ma kkonsulta magħha. Talabha tiffirma u hi rrifjutat iżda meta kellmet lil bintha u wrietha x-xewqa li titlaq mill-iskola, hija kienet iffirmat. Inoltre dak is-sajf l-attriċi kienet qiegħda taħdem, fil-waqt illi l-konvenut ma kienx u għalhekk l-attriċi tgħid *"I cannot look after her as I am at work and so I signed an agreement with C for R to stay with him during the week and in weekend she is with me."*

---

[29] Fol. 890

[30] Fit-28 ta' Mejju 2015, fol. 900.

[31] Kontro-eżami tal-attriċi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2015, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 933

Ġara illi riżultat tal-fatt li l-minuri ma baqgħetx tattendi l-iskola fejn kienet taħdem ommha l-attriċi, il-ħinijiet tal-iskola ma baqgħux jaqblu u għalhekk l-attriċi aċċettat illi l-minuri tibqa' tirrisjedi mal-konvenut, anke wara s-sajf. Ġara iżda illi l-minuri ma riditx tibqa' tiltaqa' magħha[32]. Fit-12 ta' Jannar 2016, l-attriċi sqarret illi hi m'għadx ikollha kuntatt ma' bintha u kienet ilha ħafna ma taraha. Espremiet ukoll l-inkwiet tagħha illi l-minuri m'għadhiex titgħallem vjolin, hockey u għawm u dana kemm ilha tirrisjedi mal-missier.

Illi l-konvenut intavola rikors ieħor fis-7 ta' Settembru 2015[33], illi permezz tiegħu talab lill-Qorti sabiex terġa' tikkonsidra il-kwistjoni tar-residenza u tal-aċċess tal-minuri. Il-Qorti b'digriet tat-3 t' Diċembru 2015[34], ordnat lil-ħaddiema soċjali fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ sabiex jinfurmaw lill-Qorti dwar ir-residenza tal-minuri.

Rat ir-rapport ta' **Jeanelle Boffa**, **ħaddiema soċjali fis-Servizz għall-Ħarsien tat-Tfal** ippreżentat fid-9 ta' Frar 2016[35]. Minn dan, il-Qorti ser tirrileva l-punti saljenti li ħarġu mill-istess rapport. Ġie ikkonfermat illi l-minuri ma kellhiex sinjali ta' abbuż fiżiku fuq persuntha u dana wara eżami mediku li sarilha mill-pedjatra Dr. Mariella Mangion fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ. L-istess professjonista ikkonfermat illi l-piż tal-minuri kien wieħed tajjeb. Irriżulta illi minkejja li t-tifla ma riditx tiltaqa' m'ommha, hija stqarret illi ommha ta' sikwit kienet tibgħatilha emails fejn kienet tgħidilha illi kienet tħoss in-nuqqas tagħha u l-minuri ma kinitx tirrispondiha. Irriżulta illi r-residenza tal-missier kienet adatta għall-ħtiġijiet tal-minuri u kienet ordnata. Min-naħa l-oħra, l-attriċi jidher illi traskurat minn meta telqet il-minuri, u f'żewġ okkażjonijiet stqarret illi ma kellhiex ikel fil-friġġ.

Il-Qorti nnotat illi l-minuri kontinwament tirrepeti dak illi jgħid missierha u dan joħroġ evidenti *inter alia* meta hija stqarret illi tixtieq illi l-Qorti tagħtiha karta bil-permess biex tibqa' tgħix għand missierha – referibbilment għal digriet tal-Qorti. Ladarba

[32] Rapport tal-Ħaddiema Soċjali fol. 1007
[33] Fol. 983
[34] Fol. 997
[35] Fol. 1001

hija qatgħet xewqitha li tirrisjedi ma' missierha, *teenage*r bħal ma hija R x'tambiha karta bħal din? L-allegazzjonijiet kollha li tagħmel fil-konfront ta' ommha huma reiterazzjoni tal-allegazzjonijiet tal-konvenut u għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-missier influwenza (forsi inkonxjament) lil bintu b'mod negattiv fil-konfront tal-omm. Lanqas quddiem il-ħaddiema soċjali ma rnexxielu jiddeżisti milli jitkellem negattivament fil-konfront tal-omm, minkejja illi dawn ikkoreġewh. Il-ħaddiema soċjali rrakkomandat illi:

- peress illi l-minuri tinsisti li hija iktar kuntenta mal-missier, allura għandha tibqa' tirrisjedi mal-missier;
- il-minuri jkollha aċċess regolari mal-omm;
- il-minuri tingħata għajnuna psikoloġika biex tirrisolvi ċerti diffikultajiet speċjalment dawk relatati mar-relazzjoni tagħha m'ommha;
- wara din l-għajnuna psikoloġika, l-attriċi u l-minuri jattendu għal sessjonijiet ma' terapista tal-familja;
- l-attriċi tibqa' tattendi s-sessjonijiet mal-psikologa tagħha, filwaqt li tibqa' tmur SOAR biex tieħu l-għajnuna neċessarja;
- Il-konvenut għandu jingħata għajnuna psikoloġika biex jiġi evitat diskors negattiv rigward l-omm fil-preżenza tal-minuri.

B'digriet tat-**12 ta' Frar 2016**[36], il-Qorti ordnat illi l-minuri tirrisjedi ma' missierha, b'aċċess għal ommha bi qbil bejn l-omm u l-minuri; li l-ġenituri u l-minuri, separatament, jingħataw kura psikoloġika fi ħdan l-Aġenzija Appogg[37]; li t-Taqsima Court Services fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ jagħmlu moniteraġġ fid-dar tal-missier biex jiżguraw li l-minuri hi protetta u sikura fir-residenza ta' missierha;

[36] Fol. 1019

[37] B'digriet tat-18 ta' Mejju 2016, fol. 1023, il-Qorti varjat dan id-digriet billi ordnat illi l-partijiet jieħdu l-kura psikoloġika privatament u dan a spejjeż tagħhom;

Rat ir-rapport tat-**terapista tal-familja Karen Bishop** tad-29 ta' Marzu 2016[38]. Hija qablet mal-opinjoni tal-professjonisti li ħadmu mal-familja B qabilha u cioe il-psikologa Carmen Sammut u l-ħaddiema soċjali Jeanelle Boffa. Irriżultalha illi l-attriċi hija tal-fehma illi *"her ex-husband is sabotaging her relationship with R to get back to her.. (he) hasn't moved on after the separation and wants to hurt her back through their daughter." "The dynamics between mother and daughter often evolve in the following manner: a trivial matter that crops up between the two quickly escalates and becomes very intense, R hurls very offensive and hurtful words to A, after a while A can't take this anymore and snaps back at A, saying something hurtful in return. R grabs on to this and her mother's negative comment (of course still not acceptable) is generalised to their whole relationship. Overshadowing any positive interactions they might have had. I can attest that the anger and spite R directs her mother is destructive and pushes her to the edge. I have helped A see how she is invited into this negative dynamic and how to position herself differently, which at times she has managed at other times not. I have strongly encouraged A to keep her hurt under control and not give up on her daughter and remain accepting towards R despite her strong rejection of her. .. My impressions are that whilst overtly C did not block R's relationship with A, neither was he facilitating it. ..R is dealing with complexitites that stretch beyond her years and it is paramount that she gets help, not only in virtue of her relationship with her mother. Such rage damages her current and future psychological well-being and might limit her in engaging meaningfully in adult relationships as she grows up... The father is instrumental in supporting the mother and R's relationship, and needs to appreciate that repairing this relationship will aid R's psychological well-being. ...I recommend that court pursues R's contact with her mother through court-ordered visitation, possibly under supervision...In the current convolution of events I think that R will never be able to verbalise a wish to see her mother of her own accord even if she might want to. Such contact might hopefully provide an avenue for mother and daughter to reconnect."*

---

[38] Fol. 974

Illi l-Qorti, wara li kkonsidrat bir-reqqa ir-rapporti tat-tliet professjonisti appena ċċitati, hija tal-fehma illi l-omm m'għamlet xejn li minħabba fih jistħoqqilha titlef il-kura u l-kustodja ta' bintha. L-allegazzjoni rigwardanti l-abbuż fiżiku u emozzjonali min-naħa tal-omm irriżultaw ilkoll fierħa sija mill-investigazzjonijiet li saru min-naħa tal-Aġenzija Appoġġ u wkoll mil-lat ta' akkużi Kriminali, illi l-attriċi ġiet illliberata minn kull akkuża. Anke jekk possibilment naqset fir-rigward tal-aspett tan-nutrizzjoni tat-tifla, l-ebda omm m'hi perfetta u tista' tlaħħaq perfettament mal-aspetti kollha tat-trobbija tal-ulied, li hija komplessa ħafna. Il-missier kellu r-rwol li jikkomplimenta lil omm billi jagħmel tajjeb hu għal dan in-nuqqas tal-omm ladarba huwa jinqala' biex isajjar, u mhux jieħu dan in-nuqqas a vantaġġ tiegħu, u jittimbrah f'moħħ it-tifla, biex jikseb iktar popolarita hu. Huwa minnu li mit-tfulija tat-tifla, il-missier u l-bint kellhom rapport tajjeb għaliex kien hu li qed iqatta' l-iktar ħin magħha. Dan mhux għax l-omm kienet ħażina, iżda għax l-omm kienet qed tieħu ħsieb l-għixien tal-minuri u l-aspett materjali. Il-Qorti tapprezza illi minkejja li bintha tweġġagħha apertament lil ommha, hija xorta tibqa' ssus warajha, tibgħatilha l-emails biex turiha li qed tħoss in-nuqqas tagħha. Min-naħa l-oħra l-konvenut, filwaqt illi materjalment jieħu ħsieb tajjeb ta' bintu, psikoloġikament għamlilha ħafna ħsara, billi huwa rnexxielu jabbuża mill-affinita' u l-kompliċita li bintu dejjem kellha miegħu, biex f'moħħha pinġa stampa sewda tal-omm, li l-minuri aċċettat *lock, stock and barrel*, anke fin-nuqqas tal-kapaċita' psikika tagħha (minħabba ċkunitha) li tisfida dak li kien qiegħed isostni missierha.

Iżda kif dejjem irritjeniet il-Qorti, il-kwistjonijiet tal-kura u l-kustodja tal-ulied ma jiġux deċiżi mill-ottika tad-drittijiet tal-ġenituri, iżda mill-aħjar interess tal-minuri. Il-Qorti ingħatat il-parir professjonali li jekk iġġiegħel lit-tifla tirrisjedi mal-omm ser tagħmel iktar ħsara milli ġid, stante li l-minuri hija persważa li huwa ta' vantaġġ għaliha li tirrisjedi ma' missierha. Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex ser tibdel ir-residenza tal-minuri u ser tordna illi hija tibqa' tirrisjedi mal-missier. Il-Qorti tapprezza iżda li l-minuri xorta waħda teħtieġ il-kontribut t'ommha fil-ħajja, anke jekk preżentement hija dan il-fatt ma tapprezzahx.  Fejn is-soltu ma'

tfal ta' din l-eta', il-Qorti tħalli l-aċċess liberu sabiex ikunu l-minuri flimkien mal-ġenitur in kwistjoni li jistabilixxu l-ħinijiet, fil-każ odjern dan ma jistax isir. Bla dubju jekk ma jiġix ordnata tiltaq' m'ommha il-minuri tagħżel li ma tagħmilx kuntatt iżda dan m'huwiex fl-aħjar interess tagħha. Oltre li din hija l-fehma tal-Qorti, hija korraborata wkoll mill-parir tat-terapista tal-familja. Illi għalhekk il-Qorti qiegħda tordna aċċess mal-omm darbtejn fil-ġimgħa – darba li tkun sessjoni ta' terapija bejn l-omm u l-bint għand it-terapista tal-familja Karen Bishop li qed tiġi nominata għal dan l-iskop, u t-tieni aċċess isir nhar ta' Ġimgħa bejn is-sitta ta' fil-għaxija (6.00pm) u d-disgħa ta' fil-għaxija (9.00pm) fejn l-omm u l-bint għandhom jiltaqgħu u jagħmlu attivitajiet adattati għall-eta' tat-tifla u li hija tħobb tagħmel, sabiex b'hekk jerġgħu jibnu r-relazzjoni ta' bejniethom. Jekk għal xi raġuni serja, l-minuri ma tkunx tista' tattendi fil-ħin li qed jiġi mposti mill-Qorti, għandhom minnufih jinstabu tliet siegħat alternattivi, li fihom l-omm u l-bint jiltaqgħu.

Il-koperazzjoni tal-konvenut f'dan ir-rigward ser tkun iċ-ċavetta tas-suċċess ta' dan l-aċċess u jkun ferm għaqli għall-konvenut li jifhem il-ħtieġa tar-rwol tal-omm **għall-benessere ta' bintu**. Illi l-Qorti tissuġġerixxi lill-missier (u lil kull min hu nvolut) li jaħbi mill-minuri l-fatt li t-terapija qed tiġi ordnata mill-Qorti, u jġib ruħu daqs li kieku kienet ideja tal-istess missier, biex b'hekk il-minuri tkun iktar miftuħa biex tikseb il-benefiċċji tat-terapija. Il-Qorti tordna illi fi żmien sena mil-preżenti, it-terapista Karen Bishop tħejji rapport ulterjuri għall-konjizzjoni tal-Qorti. **Il-Qorti ma teskludix illi jekk il-missier ma jiddeżistix milli jkompli jgħarraq ir-relazzjoni tat-tifla mal-omm, tikkonsidra li l-minuri titpoġġa taħt care order, biex twaqqaf iktar ħsara psikoloġika minn fuqha.**

L-ispejjeż kollha tas-sessjonijiet mat-terapista, inkluż ir-rapport li qiegħed jiġi preżentement ikkommissjonat, ikunu a karigu tal-konvenut.

Il-Qorti tħeġġeġ lill-partijiet, illi jekk huma jħossu l-ħtieġa, ifittxu l-għajnuna ta' psikologu privatament biex ikunu jistgħu iwettqu dan li qiegħed jiġi hawnhekk ordnat.

## 4. Dwar il-Manteniment għall-attriċi u għal bintha minuri

L-attriċi qiegħda titlob manteniment kemm għaliha, kif ukoll għal bintha R. Il-konvenut ma jabqilx li għandu jħallas manteniment għal martu, iżda huwa dispost li jivversa manteniment għal bintu kemm-il darba l-kura u l-kustodja tagħha ma tingħatax lilu.

Fin-nota ġuramentata tagħha[39], l-attriċi titlob €375 kull xahar bħala manteniment għall-minuri oltre l-ispejjeż straordinarji għas-saħħa u l-edukazzjoni. Illi s-sitwazzjoni *pendente lite* hija regolata mid-digriet tal-10 ta' Settembru 2012, fejn ġie ordnat illi l-missier iħallas €200 kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-minuri oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri. Dana d-digriet ġie sorvolat minn digriet ieħor ta' din il-Qorti tal-31 ta' Marzu 2016[40], illi permezz tiegħu, in vista li l-minuri bdiet tirrisjedi mal-missier, l-omm ġiet ordnata tħallas mitejn ewro (€200) fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni tagħha.

Rigward ic-children's allowance, xehed **Saviour Theuma[41]** mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, illi dana jintbagħat fil-kont bankarju miżmum mal-Bank of Valletta p.l.c. u nnumerat 16300540021. Dan il-kont jirriżulta li huwa intestat fuq C B[42].

Xehdet l-**attriċi**[43] dwar l-ispejjeż relatati mal-minuri. Hija kkonfermat illi l-minuri tmur il-Verdala International School. Il-miżata hija ta' tliet mija u għoxrin Ewro (€320) fis-sena u dana għaliex tingħata skont billi taħdem fl-istess skola bħala għalliema. Hija tħallas din il-miżata u wkoll għall-istationery u għal-lezzjonijiet tal-vjolin, għawm u arti. Tixtri wkoll il-ħwejjeġ tal-minuri. Il-konvenut ma jikkontribwixxi xejn għal dawn l-ispejjeż li tħallas hi, u jħallas biss il-lezzjonijiet privati tal-Malti.

---

[39] Fol. 18
[40] Fol. 973
[41] fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 523
[42] Dok. BOV 2 fol. 117
[43] Fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2013, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 639

Rigward il-mezzi u l-introjtu tal-konvenut l-attriċi tgħid illi l-konvenut jaqla' ċirka elf ewro (€1000) netti fix-xahar[44]. Hija pproduċiet bħala xhud[45] lil ċertu **Charles B** rappreżentant tad-**Dipartiment tal-Edukazzjoni**. Ix-xhud li jaħdem fil-Human Resources Section ikkonferma illi l-konvenut jaħdem magħhom bħala Senior Technical. Huwa esebixxa l-FS3s tal-konvenut għas-snin 2009, 2010, 2011. Fis-sena 2009 huwa qala' <u>nett</u> ta' €11,848.38[46] jew €987.36 fix-xahar. Fis-sena 2010 huwa qala' <u>nett</u> ta' €12,230.96[47] jew €1,091.25 fix-xahar. Fis-sena 2011 huwa qala' <u>nett</u> ta' €12,270.21[48] jew €1,022.52 fix-xahar. Dwar l-introjtu tal-attriċi ma nġiebet ebda prova, għajr li hija tixhed li kienet taqla' iktar minnu.

Il-Qorti hija tal-fehma illi tvarja d-digriet tagħha tal-31 ta' Marzu 2016 billi tawmenta l-manteniment pagabbli għall-minuri, kemm in vista li l-introjtu tal-omm huwa iprem minn dak tal-missier, minħabba t-trapass taż-żmien u wkoll minħabba li l-minuri qiegħda tqatta' u ser tibqa' tqatta l-ġimgħa kollha residenti għandu. Minkejja li m'għandhiex talba f'dan is-sens, il-Qorti tista' tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu fl-aħjar interess tal-minuri. Għalhekk l-attriċi qiegħda tiġi ordnata tħallas lill-konvenut, manteniment għall-minuri fis-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) fix-xahar li jkunu jinkludu oltre l-manteniment, sehemha mill-ispejjeż tas-saħħu u ta' edukazzjoni ta' bintha. Il-manteniment jitħallas sakemm R tilħaq l-eta` ta' tmintax-il sena u fl-eventwalita li hija tibqa' tistudja jew titħarreġ b'mod fiss meta tkun maġġorenni, il-manteniment jibqa' jitħallas sal-eta' ta' tlieta u għoxrin sena jew sakemm ikollha mpjieg fiss, liema minn dawn iċ-ċirkostanzi tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment jiżdied kull sena skont l-

---

[44] Nota Ġuramentata tal-attriċi, fol. 18

[45] Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 103

[46] Dana jirriżulta minn Dok. CA 1 esebit fol. 485; Minn €14,030.38 gross, naqqas €830 taxxa u €1,352 kontrubuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali, jifdal €11848.38.

[47] Dana jirriżulta minn Dok. CA 2 esebit fol. 484; Minn €14,545.44 gross, naqqas €911 taxxa u €1,403.48 kontrubuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali, jifdal €12, 230.96.

[48] Dana jirriżulta minn Dok. CA 3 esebit fol. 483; Minn €14,606.41 gross, naqqas €927 taxxa u €1,409.20 kontrubuzzjonijiet tas-sigurta soċjali, jifdal €12,270.21.

indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jinqata' direttament mill-introjtu jew minn kwalsiasi benefiċċju perċepit mill-attriċi.

L-attriċi titlob ukoll manteniment għaliha. Dwar din it-talba tar-rikorrenti għall-manteniment, il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva illi l-attriċi taħdem bħala għalliema u għandha l-potenzjal li tibqa' taħdem sabiex iżżomm lilha nnifisha materjalment. Hija mara bieżla u m'għandha ebda diffikulta` jew impediment sabiex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha bħal ħaddieħor.

Fit-tieni lok, il-Qorti tirrileva wkoll illi kif appena ntqal iktar 'il quddiem, l-attriċi tilfet il-jedd tagħha ta' manteniment mingħand żewġha, in vista tat-tortijiet tagħha fit-tkissir taż-żwieġ. Għaldaqstant hija ddekadiet mid-dritt tagħha illi titlob u tipperċepixxi manteniment mingħand żewġha ai termini tal-Artikolu 48(1)(d) tal-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant, għal dawn iż-żewġ motivi, it-talba tal-attriċi sabiex jiġi likwidat manteniment favur tagħha qed tiġi miċħuda.

### 5. Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Dwar l-aspett patrimonjali, l-attriċi telenka s-segwenti oġġetti bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn il-konvenut:

- Vettura tal-marka Renault Scenic bin-numru tar-reġistrazzjoni CBL628
- Vettura tal-marka Skoda bin-numru tar-reġistrazzjoni DAV184
- Garaxx fi Triq Xatt il-Palm, Baħar iċ-Ċagħaq
- Dgħajsa tas-sajd bir-reġistrazzjoni S999
- Pjanu

- Fridge, freezer, dishwasher, washing machine, air conditioner, solar panels, forn, sink tal-kċina, u kċina fitted li għadhom lanqas intużaw darba
- Għamara tal-kamra tas-sodda u televixin.

L-attriċi għandha tliet kontijiet bankarji mal-HSBC Bank Malta p.l.c[49] u żewġ kontijiet mal-Bank of Valletta p.l.c[50].
Il-konvenut għandu seba' kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta p.l.c[51].

Mix-xiehda[52] ta' **Robert Vassallo** mill-Port and Yachting Directorate fi ħdan **Transport Malta**, jirriżulta illu l-konvenut għandu żewġ bastimenti rreġistrati f'ismu:

- Motor Flat Bottom Boat bin-numru tar-reġisrazzjoni S07617 twila 4.90m u wiesa 1.72m[53]
- Cabin Cruiser bin-numru tar-reġistrazzjoni S00999 twila 7m u wiesa 1.82m[54] Il-konvenut jallega li din id-dgħajsa xtraha b'kollox €4,500 mingħand oħtu u li minnhom għad baqagħlu jagħtiha €3,000 dejn.[55]

Mix-xiehda[56] ta' **Stephen Cachia** minn **Transport Malta**, jirriżulta illi l-attriċi m'għandha l-ebda vettura rreġistrata f'isimha[57] u li l-konvenut għandu tliet rreġistrati f'ismu:

---

[49] Xhieda ta' **Audrey Ghigo** rappreżentanta ta' HSBC Bank Malta p.l.c. mogħtija fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 103. Statements esebiti fol. 331 et. seq
[50] Xhieda ta' **Romuald Attard** rappreżentant ta' Bank of Valletta p.l.c. mogħtija fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 103. Statements esebiti fol. 106 et. seq
[51] Xhieda ta' **Romuald Attard** rappreżentant ta' Bank of Valletta p.l.c. mogħtija fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 103. Statements esebiti fol. 106 et. seq
[52] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 103
[53] Fol. 329
[54] Fol. 330
[55] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-10 t'April 2015, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 884
[56] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 523
[57] Dok. ADT 13 fol. 544

- Skoda Favorit (tas-sena tal-manifattura 1992) bin-numru tar-reġistrazzjoni DAV184[58] akkwistata fil-15 ta' Settembru 2011;
- Renault Scenic bin-numru tar-reġistrazzjoni CBL628[59] akkwistata ġdida fit-28 t'April 2004;
- Ford Ka (tas-sena tal-minfattura 1999) bin-numru tar-reġistrazzjoni JOO109 akkwistata fis-27 t'Awwissu 2004;[60]

Mir-riċerki illi saru fir-Reġistru Pubbliku[61], jirriżulta illi:

- Il-partijiet akkwistaw  fil-31 t'Awwissu 1998, fl-atti tan-Nutar Christopher Gatt, il-garaxx mingħajr numru u mingħajr isem, iżda internament innumerat erbgħa u u għoxrin (24), fil-livell ta' upper basement level, f'kumpless ta' garaxxijiet li għandu entrata mhux innumerata fi Triq is-Sikka, Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar[62]; Il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex tivvaluta l-istess garage bil-prezz ta' għaxart'elef u ħames mitt ewro (€10,500)[63];
- Il-partijiet akkwistaw  fil-25 ta' Jannar 1999, fl-atti tan-Nutar Christopher Gatt, il-flat mhux uffiċjalment innumerat 2, fi blokk mingħajr numru imma jismu "Madliena View", fi Triq il-Lampara, Baħar iċ-Ċagħaq[64]; Dana l-appartament gie mibjugħ mill-partijiet fit-22 ta' Marzu 2004, kuntratt fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber[65].

Illi għalhekk, mill-assjem tal-provi miġbura, jirriżulta illi l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma s-segwenti:

---

[58] Dok. ADT 4 Fol. 549
[59] Dok. ADT 9 fol. 561
[60] Dok. ADT 12 fol. 567
[61] Fol. 528, Liabilities u Transfers bejn 01/10/1997 u 26/04/2013 ta' Lucienne Agius
[62] Ins. 11388/1998
[63] Seduta tal-11 ta' Diċembru 2013, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 639
[64] Ins. 1512/1999
[65] Ins. 4850/2004

- Il-vettura Skoda Favorit (tas-sena tal-manifattura 1992) bin-numru tar-reġistrazzjoni DAV184;
- Il-vettura Renault Scenic bin-numru tar-reġistrazzjoni CBL628 akkwistata ġdida fit-28 t'April 2004;
- Il-vettura Ford Ka (tas-sena tal-manifattura 1999) bin-numru tar-reġistrazzjoni JOO109;
- il-garaxx mingħajr numru u mingħajr isem, iżda internament innumerat erbgħa u u għoxrin (24), fil-livell ta' upper basement level, f'kumpless ta' garaxxijiet li għandu entrata mhux innumerata fi Triq is-Sikka, Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar bil-valur ta' għaxart'elef u ħames mitt ewro (€10,500);
- Motor Flat Bottom Boat bin-numru tar-reġisrazzjoni S07617 twila 4.90m u wiesa 1.72m;
- Cabin Cruiser bin-numru tar-reġistrazzjoni S00999 twila 7m u wiesa 1.82m;
- €3,000 dejn ma' oħt il-konvenut rappreżentanti bilanċ tal-prezz tal-canin cruiser.
- Pjanu
- Fridge, freezer, dishwasher, washing machine, air conditioner, solar panels, forn, sink tal-kċina, u kċina fitted li għadhom lanqas intużaw darba
- Għamara tal-kamra tas-sodda u televixin.

Il-partijiet naqsu li jippreżentaw valutazzjoni tal-oġġetti mobbli kollha hawn fuq elenkati.

Bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda <u>tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B</u> u tassenjaha kif ġej:

Tassenja lill-attriċi:

- Il-vettura Renault Scenic bin-numru tar-reġistrazzjoni CBL628;
- Pjanu;

- Fridge, freezer, dishwasher, washing machine, air conditioner, solar panels, forn, sink tal-kċina, u kċina fitted li għadhom lanqas intużaw darba;
- Għamara tal-kamra tas-sodda u televixin.
- Il-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;
- Kwalsiasi dejn jew piż relatat mal-oġġetti l-oħra hawnhekk assenjati;

Tassenja lill-konvenut:

- il-garaxx mingħajr numru u mingħajr isem, iżda internament innumerat erbgħa u u għoxrin (24), fil-livell ta' upper basement level, f'kumpless ta' garaxxijiet li għandu entrata mhux innumerata fi Triq is-Sikka, Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, salv dak illi sejjer jingħad iktar il quddiem;
- Il-vettura Skoda Favorit bin-numru tar-reġistrazzjoni DAV184;
- Il-vettura Ford Ka bin-numru tar-reġistrazzjoni JOO109;
- Motor Flat Bottom Boat bin-numru tar-reġisrazzjoni S07617;
- Cabin Cruiser bin-numru tar-reġistrazzjoni S00999;
- €3,000 dejn ma' oħt il-konvenut rappreżentanti bilanċ tal-prezz tal-cabin cruiser.
- Il-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;
- Kwalsiasi dejn jew piż relatat mal-oġġetti l-oħra hawnhekk assenjati;

6. **<u>Dwar l-Assi Parafernali tal-attriċi inkluż il-fond numru 4, Triq id-Duluri San Pawl il-Baħar</u>**

L-attriċi ssostni illi l-fond numru 4 (ġja numru 15 u 16), Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar huwa propjeta' parafernali tagħha u dana in vista li ġie akkwistat minnha weħidha permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-18 ta' Novembru 1988[66]. Jirriżulta mir-riċerki illi saru fir-Reġistru Pubbliku[67], illi l-attriċi kien baqagħlha tħallas lill-venditur is-somma ta' Lm4,000, bilanċ tal-prezz tal-propjeta'. Illi dawna ġew saldati qabel iż-żwieġ għaliex fid-29 t'Ottubru 1992 sar il-kuntratt ta' kanċellament tal-privileġġ speċjali relattiv[68] innumerat 18762/1988.

L-attriċi tirrikonoxxi illi l-konvenut għamel diversi xogħolijiet fil-propjeta' tagħha u għalhekk talbet in-nomina ta' Perit Arkitett sabiex jistabilixxi x-xogħolijiet li saru riċentment f'dan il-fond u jivvalwa l-istess xogħolijiet. Il-Qorti nnominat lill-Perit Arkitett Alan Saliba għal dan l-iskop waqt l-udjenza tal-15 ta' Jannar 2013[69]. Fl-udjenza tad-9 t'April 2013, il-Qorti estendiet l-inkarigu sabiex jivvaluta xi xogħolijiet illi allegatament saru mill-konvenut fid-dar in kwistjoni matul iż-żwieġ. Illi l-istess Perit aċċeda fil-post fil-preżenza tal-partijiet u d-difensuri tagħhom, huwa ħa r-ritratti tal-kondizzjoni tal-post, ħejja skizz ta' kif inhuwa mqassam u ħa wkoll il-qisien tal-fond. Fir-rapport tiegħu[70], il-Perit Saliba elenka x-xogħolijiet kollha li għamel il-konvenut u bejn xogħolijiet li għamel fl-2006 u xogħolijiet li kienu saru fl-aħħar sena, il-valur tal-istess xogħolijiet tela' għas-somma ta' tlieta u tletin elf sitt mija u seba' Ewro (€33,607).

Il-konvenut ma jaqbilx illi l-imsemmi fond jifforma parti mill-assi parafernali tal-attriċi. Huwa jikkontendi illi l-post inxtara f'isem A B sempliċiment għaliex ma kienx possibbli għal missier A li jixtri t-tieni propjeta' hawn Malta[71]. Kienu l-konjuġi Edwins, il-ġenituri tal-attriċi li ħallsu għall-propjeta' u mhux l-attriċi. Sussegwentement huma assenjaw id-drittijiet tagħhom fuq il-fond lil konjuġi B u mhux lil A weħidha. F'din id-dar kienu jgħixu

---

66 Kopja tal-kuntratt tinsab esebita, fol. 83

67 Riċerka fuq Lucienne Edwins Liabilities 01/01/1983 – 31/10/1997, Transfers 01/08/1977 – 31/10/1997, fol. 570

68 R. 5934/1992

69 Fol. 64

70 Fol. 615 et seq

71 Affidavit tal-konvenut esebit fol. 788

in-nanniet materni ta' A u għalhekk bejniethom kienu jsejħulha "nanna's house". L-intenzjoni tal-partijiet kienet illi fil-fond jistabilixxu d-dar matrimonjali tagħhom u kien għalhekk illi mill-2001 huma għamlu ħafna spejjeż biex iġibuh abitabbli. Huwa jesebixxi dokumenti in sostenn tal-argument tiegħu konsistenti f'ittri li jindikaw illi kienu l-ġenituri ta' A li kienu qegħdin iħallsu l-prezz tal-fond[72]. Esebixxa[73] wkoll serje ta' emails skambjati bejn l-attriċi u ommha fejn huma jiddiskutu l-futur tal-fond u l-attriċi titlob lil ommha tikkonfermalha x'kienu x-xewqat tagħha fuq il-fond, u cioe jekk omm l-attriċi Joyce u ħut l-attriċi, kienux kuntenti li d-dar tgħaddi għand A. Jesebixxi wkoll kitba privata[74] ddatata it-30 ta' Lulju 2001, illi permezz tagħha l-attriċi u ommha ddikjaraw illi l-konjuġi B ser jieħdu ħsieb jirranġaw l-imsemmija dar u jieħdu ħsieb l-ispejjeż kollha involuti għal dan l-iskop. Meta d-dar tkun lesta, u d-dar li l-partijiet kellhom f'Baħar iċ-Ċagħaq tinbiegħ huma jikkumpensaw lil omm l-attriċi f'ammont li jkunu jistgħu huma iżda mhux inqas minn Lm10,000. Il-konvenut jikkontendi illi huwa għamel pagament ta' Lm7,600 lil Joyce Edwins u jesebixxi in sostenn ta' dan irċevuta bankarja li tindika illi fit-8 ta' Marzu 2005, persuna bil-karta tal-identita nnumerata 234568(M) (il-konvenut) iddepożitat Lm7,600 fil-kont bankarju ta' Joyce Edwins.[75] In kontro-eżami[76] huwa xehed *"Il-fond 15 u 16, Our Lady of Sorrows Street, San Pawl il-Baħar, xtrajnieh jien u l-mara fiż-żwieġ mingħand omm il-mara. Ma kienx hemm nutar għax meta morna għand in-nutar, in-nutar qalli li fiż-żwieġ ma stajtx nixtri sehem il-mara. Naqbel li missierha fil-kuntratt niżżel lill-mara biss. Meta għadda missierha għaddih lill-mara tiegħi, dan ġara qabel ma żżewwiġna. Fiż-żwieġ jien ħriġt il-flus biex xtrajna 15 u 16 Our Lady of Sorrows Street, San Pawl il-Baħar mingħand ommha. Ħriġna Lm10,000. Pero qatt ma saret skrittura bejnietna. Il-flus ta' Lm10,000 tajnihom lil ommha"*

Meta spiċċat il-kirja tad-dar matrimonjali, il-konvenut daħal jirrisjedi fil-propjeta' parafernali tal-attriċi u dana fis-7 ta' Marzu

[72] Fol. 665
[73] Fol. 670
[74] Fol. 668
[75] Fol. 833
[76] Sedutat tas-26 ta' Frar 2015, miżmuma mill-Assitent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 879

2012[77]. Id-data ġiet ikkonfermata minnu stess fix-xiehda li taha fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[78] fil-kawża ta' spoll. Huwa biddel is-serratura tal-bieb u m'għaddiex kopja taċ-ċavetta lill-attriċi. Minħabba f'hekk, l-attriċi bdiet proċeduri ta' spoll fil-konfront tal-konvenut fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[79]. Is-sentenza tal-Prim'Awla li permezz tagħha l-Qorti laqgħet it-talbiet kollha tal-attriċi, ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell[80]. Wara d-deċiżjoni tal-Appell, il-konvenut ipprova jilħaq ftehim mal-attriċi sabiex it-tnejn jirrisjedu fl-imsemmi fond, iżda l-attriċi ma qablitx. Għalhekk huwa talab lill-Qorti[81] takkordalu d-dritt li jibqa' jirrisjedi fil-fond, ad esklużjoni tal-attriċi, iżda l-Qorti ċaħdet dawn it-talbiet[82]. Illi l-konvenut reġa bagħbas is-serratura tal-fond biex ir-rikorrenti reġgħet ma kellhiex aċċess għall-propjeta' tagħha billi waħħal spaga u waħħal ukoll katnazz biex sakkar il-friġġ u l-freezer[83]. Di piu', huwa rrapporta li kienet qed tipprova tisgassa fil-propjeta' u għalhekk ġiet mitkellma mill-iSpettur Ivan Mifsud, li meta urietu s-sentenza tal-ispoll qal li dan kien rapport falz min-naħa ta' C B; Illi l-attriċi talbet l-assistenza tal-Qorti darbtejn oħra sabiex hija tista' tidħol f'darha minħabba l-ostakli li baqa' jagħmel il-konvenut[84].

Sakemm il-konvenut kien qiegħed jirrisjedi fil-fond ta' Triq id-Duluri, l-attriċi kienet qiegħda tħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) fix-xahar bħala kera. Filwaqt li titlob dikjarazzjoni illi l-imsemmi fond jappartjeni lilha biss, hija teżiġi illi titħallas mingħand il-konvenut valur lokatizzju mis-7 ta' Marzu 2012, meta l-istess konvenut okkupa l-fond tagħha b'mod abbużiv u illegali, sad-data tal-iżgumbrament effettiv tiegħu. Fuq talba tal-attriċi[85], il-Qorti reġgħet ħatret lill-Perit Alan Saliba sabiex jistabilixxi l-kera mensili tal-fond 4, Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar. F'rapport ulterjuri[86], il-Perit Alan Saliba,

---

[77] Rapport tal-Pulizija esebit fol. 96 u wkoll kopja tal-ittra uffiċjali ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Marzu 2012, innumerata 877/12, esebita fol. 95
[78] Fid-9 t'April 2013, kopja tax-xiehda tinsab esebita fol. 583
[79] Rikors Ġuramentat 444/2012JA, deċiż fis-29 t'April 2013, esebita fol. 575
[80] F'deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2014, kopja esebita fol. 649 u 671
[81] Rikors tal-21 ta' Marzu 2014, fol. 664
[82] Digriet tat-8 t'April 2014, fol. 688
[83] Ritratti ta' dawn huma esbiti.
[8484] Rikors tal-25 ta' Novembru 2014, fol. 760 u rikors tad-9 ta' Ġunju 2015, fol. 927
[85] Rikors tas-7 t'April 2014, fol. 696
[86] Fol. 722

wara li kkonsidra l-kondizzjoni tal-fond u l-lok fejn jinsab, ivvaluta l-fond bil-prezz ta' mija u disgħin elf ewro (€190,000) u l-valur lokatizzju tiegħu fl-ammont ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550) fix-xahar.

Hija għandha wkoll bħala assi parafernali tagħha: senduq Malti li tatulha n-nanna
qabel ma mietet, desk/bureau, mutur parafernali tal-għamla Suzuki u bin-numru tar-reġistrazzjoni BBI476 u set borom ġdid li kien rigal tagħha.

Iżżid illi l-konvenut għandu żewġ garaxxijiet fin-Naxxar, li huwa akkwista qabel iż-żwieġ u li għalhekk huma parafernali tiegħu. Wieħed huwa store li jesa bejn 3 u 4 karozzi, u l-ieħor huwa garaxx ta' karozza waħda.

Il-konvenut jissottometti illi l-garaxx ta' Baħar iċ-Ċagħaq kienu xtrawh bi flus illi kien tah missieru. In sostenn ta' dan huwa esebixxa żewġ irċevuti[87] rilaxxati mill-Mid Med Bank . Dawna jindikaw illi fl-20 ta' Novembru 1997 huwa ddepożita Liri Taljani 13,299. Dawna ġew żbankati fl-14 ta' Lulju 1998 u huma ekwivalenti għal Lm3,000. Il-garage kien akkwistat bil-prezz ta' Lm2,800 fil-31 t'Awwissu 1998[88]. Dwar din id-donazzjoni xehed ukoll missier il-konvenut[89], **Joe B**, fejn qal li lit-tifel ftit qabel iż-żwieġ tah somma flus, liema somma ġiet trasferita lilu mill-kont tiegħu ftit wara li żżewweġ. Dawn kienu liri Taljani li ammontaw għal tlett'elef Liri Maltin. Dan ma kienx self imma donazzjoni. Ibnu uża dawn il-flus billi nvestihom f'garaxx. Id-dokument AA1[90] jindika illi fl-20 ta' Novembru 1997 missier il-konvenut. Joseph B, żbanka minn kont bankarju tiegħu, is-somma ta' Liri Taljani 13,229, cioe somma ugwali għal dik iddepożitata mill-konvenut.

<u>APPREZZAMENT TAL-QORTI</u>

---

[87] Fol. 821 u 821
[88] Kuntratt esebit fol. 823
[89] Affidavit fol. 904 u fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2015, miżmuma mill-Assitent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 876
[90] Fol. 888

1. Il-fond 4 (ġja 15/16) Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar, huwa propjeta' parafernali tal-attriċi u dana billi ġie mixtri minnha jew mill-familja tagħha ferm qabel iż-żwieġ. Bl-ebda mod ma ġie ippruvat illi l-pagament ta' Lm7,600 mill-konvenut lil Joyce Edwins, kien relatat mal-imsemmija propjeta'. Illi għalhekk il-pussess u l-godiment tal-imsemmija propjeta', ikun tal-attriċi bl-esklużjoni tal-konvenut.

2. Fl-imsemmija propjeta', il-konvenut wettaq xogħolijiet li jammontaw għas-somma ta' tlieta u tletin elf sitt mija u seba' Ewro (€33,607). L-attriċi għandha tirrimborsa dan l-ammont lill-konvenut. (Billi x-xogħol qiegħed jitgawda mill-attriċi parafernalment u mhux mill-komunjoni, dan l-ammont ma jiġix diviż fi tnejn kif tippretendi l-attriċi) Illi il-konvenut iħallas waħdu kwalsiasi ammont li għadu dovut ma' terzi rigward l-istess xogħolijiet, in vista li dawn ġew inklużi mill-Perit Saliba max-xogħolijiet imwettqa mill-konvenut u li għahekk l-attriċi ser tkun qiegħda tħallsu tagħhom bħala parti mis-somma ta' €33,607.

3. Il-konvenut appropjra ruħu mill-imsemmija propjeta bejn Marzu 2012 sa Novembru 2014, (meta huwa kera appartament ieħor[91] u mar jirrisjedi fih) u cioe total ta' tnejn u tletin xahar (32). Il-Perit stabilixxa l-valur lokatizzju tal-post bir-rata ta' €550 fix-xahar u għalhekk l-okkupazzjoni tal-konvenut tal-post qiegħda tiġi valutata fis-somma komplessiva ta' sbatax-il elf u sitt mitt Ewro (€17,600). Peress illi l-frott tal-propjetajiet parafernali, huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi sehemha minn dan l-ammont fis-somma ta' tmint'elef u tmien mitt ewro (€8,800);

[91] Ara r-rikors tiegħu fol. 732

4. Illi l-Qorti temmen il-verżjoni tal-konvenut li l-garage ta' Baħar iċ-Cagħaq inxtara b'fondi parafernali tiegħu li kienu ġejjin minn donazzjoni mingħand missieru. Illi għalhekk filwaqt illi l-istess garage jibqa' propjeta tal-komunjoni tal-akkwisti, suġġett għall-assenjazzjoni li qed issir bil-preżenti, l-istess komunjoni tal-attriċi hija debitriċi tal-konvenut fis-somma ta' Lm3,000 ekwivalenti għal sebat'elef ewro (€7,000). Illi għalhekk l-attriċi għandha tħallas lill-konvenut is-somma ta' tlett'elef u ħames mitt ewro (€3,500) lill-konvenut, rappreżentanti sehemha minn dan id-dejn tal-komunjoni fil-konfront tiegħu;

5. Il-konvenut għandu jibqa' fil-pussess tal-garaxxjiet akkwistati minnu qabel iż-żwieġ fin-Naxxar (l-ebda dettall dwarhom ma ġie fornit lill-Qorti) u jagħti pussess lill-attriċi fi żmien għaxart'ijiem utli mill-preżenti, tas-senduq Malti li tatulha n-nanna qabel ma mietet, id-desk/bureau u set ġdid ta' borom li kien rigal tagħha u kwalunkwe oġġett personali tagħha inkluż id-djarji tagħha.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet;

[2] Tiċħad it-tieni talba attriċi u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri R tibqa' waħda konġunta bejn il-partijiet, b'dan illi r-residenza regolari tagħha tkun mal-missier; Tordna illi jkun aċċess mal-omm darbtejn fil-ġimgħa – darba li tkun sessjoni ta' terapija bejn l-omm u l-bint għand it-terapista tal-familja Karen Bishop li qed tiġi nominata għal dan l-iskop, u t-tieni aċċess isir kull nhar ta' Ġimgħa bejn is-sitta ta' fil-għaxija (6.00pm) u d-

disgħa ta' fil-għaxija (9.00pm) fejn l-omm u l-bint għandhom jiltaqgħu u jagħmlu attivitajiet adattati għall-eta' tat-tifla u li hija tħobb tagħmel, sabiex b'hekk jerġgħu jibnu r-relazzjoni ta' bejniethom. Jekk għal xi raġuni serja, l-minuri jew l-omm ma tkunx tista' tattendi fil-ġurnata u l-ħin li qed jiġi mpost mill-Qorti, għandhom minnufih jinstabu tliet siegħat alternattivi, li fihom l-omm u l-bint jiltaqgħu. L-ispejjeż kollha tas-sessjonijiet mat-terapista, inkluż ir-rapport li ġie kkommissjonat bil-preżenti, ikunu a karigu tal-konvenut.

[3] Tiċħad it-tielet talba tar-rikorrenti għall-manteniment għaliha u wkoll għall-minuri; Tordna lill-attriċi tħallas lill-konvenut, manteniment għall-minuri fis-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) fix-xahar li jkunu jinkludu oltre l-manteniment, sehemha mill-ispejjeż tas-saħħa u tal- edukazzjoni ta' bintha. Il-manteniment jitħallas sakemm R tilħaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena u fl-eventwalita' li hija tibqa' tistudja jew titħarreġ b'mod fiss meta tkun maġġorenni, il-manteniment jibqa' jitħallas sal-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ikollha mpjieg fiss, liema minn dawn iċ-ċirkostanzi tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jinqata' direttament mill-introjtu jew minn kwalsiasi benefiċċju perċepit mill-attriċi.

[4] Tilqa' r-raba' talba attriċi u konsegwentement tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet konjuġi B, u tassenjaha kif ġej:

Tassenja lill-attriċi:

- Il-vettura Renault Scenic bin-numru tar-reġistrazzjoni CBL628;
- Il-pjanu;
- Fridge, freezer, dishwasher, washing machine, air conditioner, solar panels, forn, sink tal-kċina, u kċina fitted li għadhom lanqas intużaw darba;
- Għamara tal-kamra tas-sodda u televixin.
- Il-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;

- Kwalsiasi dejn jew piż relatat mal-oġġetti l-oħra hawnhekk assenjati;

Tassenja lill-konvenut:

- il-garaxx mingħajr numru u mingħajr isem, iżda internament innumerat erbgħa u u għoxrin (24), fil-livell ta' upper basement level, f'kumpless ta' garaxxijiet li għandu entrata mhux innumerata fi Triq is-Sikka, Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar;
- Il-vettura Skoda Favorit bin-numru tar-reġistrazzjoni DAV184;
- Il-vettura Ford Ka bin-numru tar-reġistrazzjoni JOO109;
- Motor Flat Bottom Boat bin-numru tar-reġisrazzjoni S07617;
- Cabin Cruiser bin-numru tar-reġistrazzjoni S00999;
- €3,000 dejn ma' oħt il-konvenut rappreżentanti bilanċ tal-prezz tal-cabin cruiser.
- Il-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'ismu, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;
- Kwalsiasi dejn jew piż relatat mal-oġġetti l-oħra hawnhekk assenjati;

[5] Tilqa' l-ħames talba attriċi billi:

1. Tiddikjara illi l-fond 4 (ġja 15/16) Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar, huwa propjeta' parafernali tal-attriċi u għalhekk il-pussess u l-godiment tal-imsemmija propjeta', ikun tal-attriċi bl-esklużjoni tal-konvenut.

2. Tordna lill-attriċi tħallas lill-konvenut is-somma ta' darba fl-ammont ta' tlieta u tletin elf sitt mija u seba' Ewro (€33,607), rappreżentanti x-xogħolijiet li wettaq il-konvenut fuq il-fond parafernali.

3. Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' darba fl-ammont ta' tmint'elef u tmien mitt ewro (€8,800) rappreżentanti sehemu mill-kera dovuta għall-okkupazzjoni tal-fond ta' Triq id-Duluri għal 32 xahar;

4. Tordna lill-attriċi tħallas lill-konvenut is-somma ta' darba fl-ammont ta' tlett'elef u ħames mitt ewro (€3,500), rappreżentanti sehemha mid-dejn tal-komunjoni favur il-konvenut relattiv mal-assi parafernali tiegħu li ġew użati sabiex gie akkwistat fiż-żwieġ il-garaxx ta' Baħar iċ-Ċagħaq;

5. Il-konvenut għandu jibqa' fil-pussess tal-garaxxjiet akkwistati minnu qabel iż-żwieġ fin-Naxxar u jagħti pussess lill-attriċi fi żmien għaxart'ijiem utli mill-preżenti, tas-senduq Malti li tatulha n-nanna qabel ma mietet, id-desk/bureau u set ġdid ta' borom li kien rigal tagħha u kwalunkwe oġġett personali tagħha inkluż id-djarji tagħha.

   Imgħax legali jiddekorri fuq kwalsiasi ammont li huwa dovut skont din is-sentenza lil xi parti mill-parti l-oħra, b'effett minn għoxrin (20) jum mill-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv.

[6] Tilqa' is-sitt talba attriċi u tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili; Tuża d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili sabiex tapplika kontra l-attriċi wkoll l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-istess Kodiċi Ċivili;

Bl-ispejjeż, inkluż tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, salv fejn m'huwiex ordnat mod ieħor, ikunu sopportati in kwantu għal żewġ terzi mill-konvenut u terz mill-attriċi.